

Brussell, 26 ta' April 2016
(OR. en)

8304/16

AGRILEG 53

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
fi:	26 ta' April 2016
Nru. dok. preċ.: 7641/16 AGRILEG 38 + ADD1 + ADD2	
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwi għall-abamektina, għall-aċekinoċil, għall-aċetamiprid, għall-benzovindiflupir, għall-bromossinil, għall-fludijossinil, għall-fluwopikolid, għall-fosetil, għall-mepikwat, għall-prokinażid, għall-propamokarb, għall-proeżadjon u għat-tebukonażol f'ċerti prodotti jew fuqhom <i>- Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni (proċedura regolatorja bi skrutinju)</i>

1. Fil-5 ta' April 2016, il-Kummissjoni ppreżentat għal skrutinju mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill abbozz ta' REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwi għall-abamektina, għall-aċekinoċil, għall-aċetamiprid, għall-benzovindiflupir, għall-bromossinil, għall-fludijossinil, għall-fluwopikolid, għall-fosetil, għall-mepikwat, għall-prokinażid, għall-propamokarb, għall-proeżadjon u għat-tebukonażol f'ċerti prodotti jew fuqhom.
2. Il-Grupp ta' Ħidma ta' Kunsillieri/Attachés għall-Agricoltura kkunsidra permezz ta' proċedura informali bil-miktub li ma hemm l-ebda raġuni biex il-Kunsill jopponi l-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden:

- jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Grupp ta' Ħidma, u
- jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma, bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu, li ma hemm l-ebda raġuni biex ikun hemm oppożizzjoni għall-abbozz ta' miżuri.
